MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 574/2002

**Middle Sea Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Buttigieg**

**Vs**

**Martin Polidano**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istanti s-somma ta' erbat elef, seba' mija u hamsa u tletin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm4735.85), jew somma verjuri, rapresentanti danni imgarrba fil-vettura SRI 014 li thallsu mis-socjeta' attrici wara incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Ottubru 2001 f'Hal-Far limiti ta' B'Bugia bejn il-vettura SRI 014 misjuqa minn Etienne Buttigieg u l-vettura BAD 889 misjuqa mill-konvenut. Fl-incident il-vettura kienet assikurat b'mod 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-spejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut inkluzi Lm57.50 ta' spejjez legali maghmula mill-attur u dawk tal-ittra ufficjali presentata illum stess kontra l-Assikuraturi tal-konvenut, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett :-

1. It-talba tas-socjeta' attrici ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort ta' Etienne Buttigieg li kien ix-xufier tal-vettura Nru. SRI 014.

2. Bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova tal-quantum tad-danni li qed tippretendi u ghalhekk l-eccipjent jirriserva l-posizzjoni tieghu dwar id-danni attrici wara li ssir il-prova taghhom skond il-ligi.

3. Bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha tipprova l-konsistenza ta' l-ammont ta' Lm 57.50 li qed tippretendi bhala 'spejjes legali' u ghalhekk l-eccipjent qed jirriserva l-posizzjoni tieghu fir-rigward.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-vettura assikurata b'mod ,'comprehensive' mas-socjeta' attrici kienet qed tinsaq minn <u>Etienne Buttigieg</u> (fol 19 et seq ibid) f'Hal-Far f'triq dritta u "(meta) tasal fejn fabbrika li mil-lemin taghha tmur lejn Birzebbugia". Skond

ma xehed hu stess, “Jiena kont qed nsuq ghad-dritt sabiex eventwalment indur u nsuq lura“. Pero’ kif kien qed isuq fl-istess triq li tispicca f’hajt izda, “ma kontx ghadni dort“, hu kien “f’daqqa wahda sibt karozza ohra quddiemi“, liema karrozza daret ghall-gharrieda minghajr ma s-sewwieq xeghel l-,indicator’. B’konsegwenza ta’ din il-manuvra, saret il-habta. Hu kompla jghid illi meta gara dan, il-karrozza tieghu kienet “ ........ aktar il-barra mill-vettura l-ohra ....... (u dan) ......... sabiex ma nzommx warajh“. In kontro ezami, hu specifika illi l-karrozza misjuqa minn wara l-habta mal-ohra, daret u giet thares fid-direzzjoni minn fejn kien gej qabel l-incident. Hu ddeskriva t-triq in kwistjoni bhala wahda li kienet ’ run-way’ ta’ ajruport u fiha jkun hemm parkeggati karrozzi ohrajn ta’ dilettanti tal-karozzi. In oltre, bhala velocita’, hu kien qed isuq b’media tmenin jew disghin kilometru fis-siegha. Dwar il-vettura l-ohra, hu qal li kien ra qabel meta din kienet il-boghod. In oltre “avolja kont il-barra (qiesni nofs karrozza) ....... ma kontx nahbat ma’ traffiku gej mill-faccata tieghu“. In oltre l-iehor kien mitfugh ’il gewwa u jiena kont ezattament fil-’lane’ tieghi“.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Walter Spiteri (fol 137 et seq ibid) jirrisulta li dan l-incident kien, fil-fatt, sehh f’ex RAF runway’ u l-istess xhud esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz maghmulin minn ex-PS 134 Joseph Attard (fol 39 u fol 40 ibid). Fuq l-istess skizz jidhru z-zewg vetturi involuti, dak bin-numru BAD 889 misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa minn Etienne Buttigieg bin-numru SRI 014, liema vetturi jidher li waqfu, wara dan l-incident, it-tnejn, jharsu lejn id-direzzjoni minn fejn kienu gejjin. In oltre vicin dik misjuqa minn Etienne Buttigieg hemm indikati “ rim marks“ fuq il-lemin taghha. Mir-rapport imsemmi, jidher li z-zewg vetturi sfaw ’total loss’, u li lil karozza misjuqa mill-konvenut kien hemm passigier wiehed, cioe’ Jeffrey Borg. Dwar stqarrijiet li saru, ’a caldo’, Etienne Buttigieg kien qal illi hu kien qed isuq ma’ genb il-karrozza l-ohra fuq il-lemin ta’ din u “ .... ftit avanzata ’l quddiem mill-vettura tieghu“ meta “f’daqqa wahda il-karozza numru BAD 889 daret fuq

in-naha tal-lemin, ostakolatlu triqtu u habtet mal-vettura tieghu“.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta’ attrici gew prodotti provi ohrajn cioe’ :-

a) John Borg Bellanti (fol 47 et seq ibid) is-’Surveyor’ inkarigat mill-istess socjeta’ attrici sabiex tesamina l-vettura misjuqa minn Etienne Buttigieg, assigurata mal-istess socjeta’. Hu esebixxa s-’survey report’ (fol 50 sa fol 52 ibid) li kien pjuttost twil minhabba l-’lista twila ta’ parts li kellhom jigu mibdula’. L-istess xhud spjega li din il-vettura kienet sfat ’beyond economical repair’. Fl-istess xhieda hu spjega l-kriterji li hu uza sabiex jasal ghall-valur fuq is-suq tal-istess vettura kif ukoll il-valur taghha bhala ’wreck’ cioe’ Lm6,000 u Lm1,000 rispettivament (ara fol 50 ibid).

b) Edward Pace Balzan (fol 53 et seq ibid) ’Claims Executive’ tas-socjeta’ hawn indikata li kienet l-agent tas-socjeta’ attrici xehed illi kien gie inkarigat is-’Surveyor’ Tony Borg Bellanti u dan kien iddikjara illi l-vettura tal-assikurat Joseph Buttigieg bhala “ma tissewiex “ kienet thallset is-somma ta’ Lm4,700 waqt li l-vettura inzammet mill-istess Joseph Buttigieg. Din is-somma kienet thalset “in parte“ lill-assikurat waqt li Lm2,900 kienet thallset lis-socjeta’ hemm imsemmija li kienet ghadha kreditrici ta’ parti mill-prezz li biha nxtrat din il-vettura (ara ukoll id-dokumenti esebiti minn dan ix-xhud a fol 56 et seq ibid)

c) Joseph Micallef (fol 64 et seq ibid) wara li semma illi “Etienne pero’ ma niftakarx kunjomu“ kien habib tieghu, xehed illi, qabel l-incident kien qed isuq madwar ghoxrin pied, wara l-vettura tal-istess habib u sejrin fid-direzzjoni ta’ Hal Far. Meta t-tnejn waslu f’kisra, hu kien ra karrozza ohra tal-marka ’Ford Escort’ bis-sewwieq ta’ din “li hareg minn naha tax-xellug tieghu u tal-habib tieghu sabiex jaqsam ghan-naha l-ohra“ u b’hekk saret il-habta. Dwar l-istess Escort imbaghad qal, “......... kienet tinsab aktar ’l fuq minna u kienet sejra fl-istess direzzjoni taghna“ u “x’hin wasal minn din il-kisra naf li kiser ghall-gharrieda

lejn il-lemin“. Dwar din il-manuvra hu semma li s-sewwieq tal-istess ’Ford Escort’ ma ghamel ebda sinjal li ser idur lejn il-lemin. Dwar il-post ta’ l-incident, hu qal li dan hu ’ex runway’ u “jintuza sabiex in-nies imorru jtellqu ftit“. In oltre hi wiesa’ u difatti, il-habib tieghu kien fuq in-naha tal-lemin tat-triq, waqt li bejn il-vettura tal-istess habib u l-hajt fuq il-lemin, kien hemm spazju sufficjenti sabiex jghaddu zewg karrozzi ohrajn. Di fatti hu specifikament qal illi “........qabel il-habta kienet (il-karozza tal-konvenut) fuq ix-xellug Etienne Buttigieg fuq il-lemin u jien wara Etienne“. Hu kompla billi qal illi ma kienx jaf bl-liema velocita’ kien qed isuq Etienne Buttigieg u eskluda illi huma kienu qed itellqu bejniethom. Fl-ahhar nett jigi wkoll illi dan ix-xhud meta rinfaccjat b’affidavit guramentat minnu (ara ’infra’) kien biddel dak li kien xehed qabel dwar l-’indicator’ tal-vettura misjuqa mill-konvenut u qal “Jiena ma stajtx nara l-karozza l-ohra ........ minhabba li kien hemm il-karozza ta’ Etienne quddiemi. Allura nghid li tal-Escort setgha kellu l-’indicator’ mixghul pero’ ma ndunajtx bih’. Illi l-affidavit imsemmi hu esebit a fol 72 ibid u difatti, ix-xhud ma ghamel ebda referenza dwar jekk il-konvenut xeghelx, o meno, l-’indicator’ qabel ma esegwixxa l-manuvra, kif hawn fuq deskritta.

d) L-istess Etienne Buttigieg (a fol 19 et seq ibid). Xehed li kien qed isuq ghad-dritt sabiex eventwalment jdur u jsuq lura meta jasal fejn hemm hajt fl-ahhar tal-istess triq. Qabel ma dar pero’, hu kien sab quddiemu karrozza ohra li hasditu billi “Din daret ghall-gharrieda minghajr ma xeghelet l-’indicator’“ meta hu kien “ ......... naqra ’il barra aktar mil-vettura l-ohra“. Bhala velocita’ qabel l-habta, hu semma li kien qed isuq b’madwar 80/90 kilometru fis-siegha. Dwar l-ohra hu semma li kien ra l-vettura l-ohra meta din kienet ghadha ’l boghod u li kienet qed tinsaq bil-mod.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 76 et seq ibid) kien akkumpanjat minn Omar Hili u Jeffrey Borg, bil-qeghda, rispettivament, hdejh fuq ix-xellug u warajh. Hu kien qed isuq fl-’ex runway’ u kellu jdur lejn il-lemin tieghu. Hawnhekk hu kien fuq in-

naha tal-lemin tat-triq jekk din kellha linja medjana mpingija. Dan kien hekk minhabba li kellu jdur u jaqsam lejn il-lemin bil-konsegwenza li traffiku gej minn warajh seta' jissorpassah biss fuq ix-xellug. Meta hu ra karrozza gejja, minn faccata skond hu "kwazi waqaft" sabiex din tghaddi. F'dan l-istadju immedjatament qabel il-habta, il-konvenut jsostni li " ....... kont ghadni ghaddej bil-mod imma fid-dritt" u kif kien ghadu qed jistenna lill-vettura li ghada kemm issemmiet sabiex din tghaddi karrozza ohra minn warajh " ........ laqtitni fuq wara lejn in-naha tal-genb" fejn it-'tank' tad-'diesel' bid-daqqa tasal sa nofs il-genb tal-lemin. In oltre, hu sostna wkoll illi "qabel ma dort lejn il-lemin kelli (ghal distanza ta' madwar tmien karozzi jew ftit aktar) l-'indicator' tieghu mixghul ....." sabiex jindika li ser jdur lejn il-lemin. In oltre kien accerta ruhu permezz tal-mirja li warajh ma kienx hemm, fil-vicinanzi, tieghu. In resami, hu semma' illi wara verifiki permezz tal-mirja, hu beda jersaq lejn il-linja medjana immaginarja u kien qala' d-daqqa meta "kont qrib tan-nofs tat-triq ........." u "meta grat il-habta kont ghadni fuq in-nofs immaginarju tat-triq u ghadni ma kontx mort fuq il-lemin immarginarju tat-triq".

Illi l-konvenut ipproduca iz-zewg passigieri li kienu mieghu, cioe' Jeffrey Borg (fol 84 et seq ibid) u Omar Hili (fol 87 et seq ibid). L-ewwel xhud ikkonferma, sostanzjalment, dak li xehed il-konvenut kif ghamel ukoll it-tieni xhud.

Ikkunsidrat

Illi l-abili difensur tal-konvenut gab a konjizzjoni ta' din il-Qorti sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru 2001 (fol 91 et seq ibid) u dan peress li dan il-kaz kien simili hafna ghal dak in esami. Difatti, mis-sentenza, jidher li z-zewg kazijiet huma simili hafna kemm in rigward il-lokalita' tal-incident, kemm in rigward ic-cirkostanzi u d-dinamika taz-zewg incidenti.

Illi mis-sentenza citata jirrisulta li l-Qorti kienet iddecidiet il-kaz quddiemha billi sabet liz-zewg sewwieqa ugwalment responsabbli ghall-kollisjoni u dan minhabba :-

a) velocita' eccessiva da parti ta' bin l-attur

b) nuqqas ta' prekawzzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenut meta dan qasam jew kien qed jaqsam minn naha wahda ghall-ohra tar-'runway'. Difatti l-Qorti, fil-kaz citat, kienet ikkunsidrat is-sewqan tal-konvenut bhala imprevedenti billi kien gibed lejn in-nofs it-triq meta kien biss xi sitt sa ghaxar metri boghod mit-triq li ried jdur lejn u jidhol fiha.

Illi f'dan il-kaz quddiem din il-Qorti jidher li :-

a) Bin l-attur kien qed isuq b'velocita' eccessiva u f'lokalita' maghrufa ossia notorja ghal sewqan alkwantu sperikolat minhabba tlielaq bejn vetturi. Difatti probabbilment hu u l-habib tieghu Joseph Micallef kienu qeghdin itellqu bejniethom.

b) Il-konvenut da parti tieghu, kif digja ntqal, kien meta saret il-habta, ghaddej bil-mod anzi kwazi waqaf ghad-dritt sabiex jhalli l-karozza ohra, li kienet gejja minn faccata tghaddi. Inoltre hu kien digja xeghel l-'indicator' ghal certa distanza sabiex juri li kien ser idur lejn il-lemin. Hu xehed ukoll illi kien ra permezz tal-mirja illi ma kienx hemm vetturi ohra warajh qabel ma beda jersaq lejn il-linja medjana immaginarja tat-triq. Ta' minn jinotta illi Etienne Buttigieg ammetta li kien ra l-vettura misjuqa mill-konvenut meta din kienet ghadha 'l boghod u tinsaq bil-mod. Kif avvicinata b'velocita' ta' madwar disghin (90) kilometru fis-siegha, il-vettura misjuqa minn Etienne Buttigieg kienet naqra 'l barra aktar minn dik misjuqa mill-konvenut. Dwar dan il-punt u fil-fehma tal-Qorti jekk wiehed jesamina, il-hsarat fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut (ara iz-zewg ritratti ta' din a fol 71 ibid) wiehed jista' jara indizzji, li l-habta grat, meta il-karozza tal-konvenut kienet ghadha ghad-dritt, bil-hsarat jibdew fuq wara lejn il-lemin sal-bieba ta' wara tal-lemin. Kif huma l-hsarat jidher li d-daqqa effitavement inghatat minn wara fuq il-genb tal-lemin u mhux kif xehed Etienne Buttigieg, flimkien ma' Joseph Micallef, li qalu li l-konvenut kiser ghall-gharrieda lejn il-lemin. Tenut kont ta' dan kollu jidher li, fuq bazi ta' probabbilita', il-konvenut kien qed

effetivament jsuq b’mod prudenti u kien ha l-prekawzzjonijiet kollha sabiex jevita li jahbat liema prekawzzjonijiet, pero, sfaw fix-xejn minhabba l-velocita’ fis-sewqan da parti ta’ Etienne Buttigieg li donnu kien ser jolterpassa il-vettura quddiemu bil-velocita’ hawn fuq indikati minghajr id-debita kawtela, da parti tieghu qabel ma jaghmel ’u-turn’ sabiex jdur ’l isfel.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara li ma tistax, b’xi mod, takkolla parti mir-responsabbilita’ ghal dan l-incident lill-konvenut u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------